# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 8 ta' Ottubru 2015**

**Kawza Numru : 28**
**Rikors Guramentat Numru : 281/2015/LSO**

**Josephine *sive* Joslin Spiteri nee` Schembri**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Josephine *sive* Joslin Spiteri *nee* Schembri (K.1.174375M) datat 25 ta' Marzu 2015 fejn bir-rispett u bil-gurament taghha kkonfermat: -

Illi fl-Att tat-Twelid taghha (*vide* certifikat tat-twelid anness u mmarkat bhala Dok JS1], l-esponenti inghatat l-isem "Josephine" isem li bih kellha tissejjah, madankollu sa minn ckunitha, l-esponenti kienet dejjem maghrufa minn kulhadd bhala "Joslin", inkluz mill-familja stess taghha;

Illi l-istess jista' jinghad ghal qraba ohra, hbieb u kollegi tal-esponenti: kollha jafuha bhala "Joslin";

Illi kif ser jigi ppruvat il-genituri tal-esponenti minn dejjem xtaqu li jsemmu t-tifla taghhom, ossija l-esponenti, "Joslin", izda l-Arcipriet tal-Parrocca taz-Zejtun kien qalilhom li ma kienx ser ikun jista' jghammidha jekk isemmuha hekk u ssuggerilhom li jsemmuha "Josephine";

Illi l-esponenti ghandha interess li l-Att tat-Twelid taghha kif ukoll l-Atti pubblici kollha, jkunu jirriflettu l-isem li hi u l-familja taghha konsistentement juzaw bhala l-isem li bih tissejjah u hi maghrufa minflok l-isem li inghatat fuq l-istess Atti;

Illi ghaldaqstant l-esponenti qieghda tistitwixxi din il-procedura sabiex l-isem "Joslin" jigi registrat fuq l-Att tat-Twelid taghha minflok l-isem "Josephine" li jidher annotat fil-kolonna intestat "Isem il-Wild", u dana *a tenur* tal-Artikolu 253 (2) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

Ghaldaqstant jghid id-Direttur intimat, ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ohra opportuna:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-esponenti hija konsistentement imsejha u maghrufa bhala "Joslin" u mhux bhala "Josephine";

2. Tordna li l-isem "Joslin" jigi registrat fuq l-Att tat-Twelid tal-esponenti li jgib in-numru ta' iskrizzjoni elf seba' mija u tlieta u erbghin tas-sena elf disa' mija u hamsa u sebghin (1743/1975) minflok l-isem "Josephine", b'dana illi l-imsemmi Att jigi emendat fis-sens li fil-kolonna intestata "Isem il-Wild" jitnizzel l-isem "Joslin" minflok "Josephine";

3. Tordna illi l-Atti l-ohrajn kollha tal-esponenti, inkluz dawk li qed jigu esebiti ma' dan ir-rikors guramentat promotur u senjatament l-Att taz-Zwieg tal-esponenti (1418/1999) u kif ukoll l-Att tat-Twelid taz-zewgt itfal taghha u senjatament dak ta' Mattea Spiteri (4196/2001) u Yan Spiteri (3346/2008), jigu jirriflettu l-isem li hi u l-familja taghha konsistentement juzaw bhala l-isem li bih tissejjah u hi maghrufa u cioe` "Joslin" minflok l-isem "Josephine" li hija inghatat fuq dawk l-istess Atti;

Bl-ispejjez kontra l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku, minn issa msejjah ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-12 ta’ Mejju 2015.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 4 ta’ Mejju 2015 (fol 26) fejn esponi bil-qima, u Dr. Mariella Silvio ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat dan li gej :

1. Illi *in limine litis* ukoll huwa mehtieg li ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

3. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma l-Hamis, 18 ta' Gunju 2015 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Maurizio Cordina ghad-Direttur intimat li ddikjara li ma kellux provi x'jipproduci u rrimetta ruhu ghall-atti u talab li l-kawza tigi differita ghas-sentenza. L-attrici u Dr. John Gauci msejha tliet darbiet ma dehrux. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-8 ta' Ottubru 2015 fid-9:30a.m. Aktar tard dehret l-attrici assistita minn Dr. John Gauci li hadu konjizzjoni ta’ dan il-verbal.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-artikolu **253 (2) tal-** Kodiċi Ċivili li tat dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-reġistrazzjoni ta’ ismijiet fl-atti tal-istat ċivili billi jigi sostitwit l-isem jew ismijiet li bihom il-persuna hija konsistentement maghrufa.

Tali talba tirnexxi jekk ir-rikorrenti tipprova ghas-soddisfazzjon tal-Qorti li hija konsistentement maghrufa bl-isem "Joslin" minflok "Josephine".

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap.16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fis-2 ta' April 2015 (fol.25) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

In sostenn tat-tezi taghha l-attrici esebiet affidavit u diversi dokumenti fosthom certifikati skolastici u anke l-invit tat-tieg tar-rikorrenti fejn isimha huwa 'Joslin'. Fil-fehma tal-Qorti dawn jipprovaw soddisfacentement li hija konsistentement maghrufa bl-isem 'Joslin' u mhux 'Josephine'. Dan huwa wkoll ikkorroborat mill-affdavits esebiti (fol 10-12).

L-attrici qed titlob dan l-isem, 'Joslin' jigi registrat fuq l-att taz-zwieg taghha u l-Atti tat-twelid ta' uliedha. Kopji tac-certifikati relattivi gew esebiti u tissoddisfa ir-rekwisit tal-artikolu 253(3) tal-Kodici Civili.

Illi l-intimat irrimetta ruhu ghall-provi prodotti salv ghall-kap tal-ispejjez. F'dan l-aspett ghandu ragun billi ma hemm l-ebda zball attribwibbli lid-Direttur tar-Registru Pubbliku.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tiddisponi mit-talbiet u mill-eccezzjonijiet sollevati skont dan li gej:-

1. **Tilqa' l-ewwel talba** u tiddikjara u tiddeciedi li r-rikorrenti hija konsistentement imsejha u maghrufa bhala "Joslin" u mhux bhala "Josephine";

2. **Tilqa' t-tieni talba** u tordna li l-isem "Joslin" jigi registrat fuq l-Att tat-Twelid tar-rikorrenti li jgib in-numru ta' iskrizzjoni elf seba' mija u tlieta u erbghin tas-sena elf disa' mija u hamsa u sebghin (1743/1975) minflok l-isem "Josephine", b'dana illi l-imsemmi Att jigi emendat fis-sens li fil-kolonna intestata "Isem il-Wild" jitnizzel l-isem "Joslin" minflok "Josephine";

3. **Tilqa'** t-tielet talba u tordna illi l-bdil ordnat fl-Att tat-twelid tar-rikorrenti jigi rifless fl-Att taz-Zwieg taghha (1418/1999) kif ukoll fl-Atti tat-Twelid taz-zewgt itfal taghha u senjatament dak ta' Mattea Spiteri (4196/2001) u Yan Spiteri (3346/2008), billi jigi registrat l-isem 'Joslin' minnflok l-isem 'Josephine' kull fejn jidher fuq dawn l-Atti.

Il-Qorti tordna wkoll *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjonijiet hawn ordnati

ghandhom isiru mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi in gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur u ssir wkoll riferenza ghall-istess sentenza kif imfisser fl-imsemmi dispozizzjoni tal-Ligi.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**8 ta' Ottubru 2015**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**8 ta' Ottubru 2015**